MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 228/2010

**Is-socjeta` "The Ramblers' Association of Malta"**

***kontra***

**L-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ;**

**Marthese Said u l-Avukat Victor Scerri ghal kwalunkwe interess li jista` jkollu**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fid-9 ta` Marzu 2010 li jaqra hekk –

*Illi s-socjeta` attrici hija ghaqda volontarja li l-iskopijiet principali taghha huma illi tippromwovi mixjiet edukattivi u rikrejativi fil-kampanja Maltija, thares u tipprotegi l-wirt naturali u kulturali li jinsab go fiha, u taghmel rapprezentazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti biex tassigura l-infurzar tal-ligi fir-rispett tal-interessi u drittijiet ambjentali tac-cittadin skond il-provvedimenti tal-ligijiet ta` Malta u tan-normi Ewropej.*

*Illi ghaldaqstant, is-socjeta` attrici ghandha interess illi l-kampanja f`pajjizna tigi salvagwardata u li l-izvilupp li jsir fiha, isir biss ghal skopijiet legittimi u skond ir-regoli vigenti.*

*Illi s-socjeta` attrici ghandha membri minn Malta kollha, inkluz mill-Bahrija.*

*Illi l-Wied tal-Marga, limiti tal-Bahrija, Rabat gie dezinjat bhala Zona ta` Importanza Ekologika u Sit ta` Importanza Xjentifika (Avviz tal-Gvern numri 63/96, 444/95 u 400/96), Sit ta` Valur Xeniku Gholi (Avviz tal-Gvern numru 400/96), Sit ta` Importanza Arkeologika (Avviz tal-Gvern numru 278/98) u Zona Specjali ta` Konservazzjoni (Avviz Legali 311/06). Illi dan il-wied hu ovvjament ukoll 'il barra mil-linja ta` l-izvilupp.*

*Illi minkejja li dan is-sit igawdi mill-oghla tuteli possibbli sabiex l-uniku zvilupp permissibbli jkun mill-aktar limitat u dak strettament mehtieg, l-Awtorita` konvenuta approvat fil-kors tas-snin diversi permessi f`sit fl-imsemmi Wied tal-Marga u senjatament, PA 2835/2000 (To reconstruct the existing structures with very minor alterations to facilitate use at Wied tal-Marca, l/o Bahrija), PA 6321/2002 (Rehabilitation of existing dwelling (outline PA 2835/00) at Wied tal-Marca, l/o Bahrija), PA 5846/2004 (To delete condition 3 in order to conform with condition 1 in PA 6321/02, at Wied tal-Marca, l/o Bahrija)*

*u PA 7719/2006 (Amendments to approved PA 6321/02 (to rehabilitate dwelling), at Wied tal-Marca, l/o Bahrija).*

*Illi dawna l-permessi nhargu lill-konvenuta Marthese Said, mart il-konvenut l-iehor, l-Avukat Victor Scerri.*

*Illi ricentement, fit-13 ta` Awwissu 2009, l-istess Awtorita` konvenuta rrevokat l-ahhar permess imsemmi, PA 7719/2006 peress illi l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta` l-Izvilupp ma kellhiex l-awtorita` illi tapprova l-imsemmi permess minghajr il-valutazzjoni precedenti tad-Direttorat tal-Protezzjoni ta` l-Ambjent fl-Awtorita` konvenuta.*

*Illi l-ewwel zewg permessi msemmija fir-rigward tas-sit in kwistjoni, PA 2835/2000 u PA 6321/2002 illum tilfu l-validita` taghhom stante illi ghaddew hames snin minn meta gew approvati.*

*Illi ghaldaqstant, l-unika permess illi jista` jigi meqjus li ghadu validu fir-rigward tas-sit de quo hu PA 5846/2004 illi gie approvat fil-5 ta` April 2005. Illi din l-applikazzjoni saret sabiex titnehha dik il-parti mit-tielet kundizzjoni tal-permess li kien hemm ezistenti, PA 6321/02 illi kienet taqra "Demolition shall be kept to a bare minimum and substantial or total rebuilding may result in forfeiture of this development permission."*

*Illi madankollu din l-applikazzjoni ma kinitx intiza sabiex iggedded l-validita` tal-permess precedenti PA 6321/02 u ghaldaqstant, peress illi dan il-permess PA 6321/02 skada fit-30 ta` Jannar 2008, anke l-permess successiv PA 5846/2004, illi kull ma ghamel kien illi nehha wahda mill-kundizzjonijiet tal-permess precedenti PA 6321/02, ghandu jitqies illi ma ghad fadallu l-ebda validita` llum.*

*Illi madankollu l-Awtorita` konvenuta qieghda tqis illi l-permess PA 5846/04 jintitola l-applikanta, l-imsemmija Marthese Said jew min minnha illi tkompli bix-xogholijiet approvati bil-permess PA 6321/02. Illi dato sed non concesso illi dana hu minnu minkejja illi jidher evidenti illi PA 5846/04 ma geddiedx il-validita` ta` PA 6321/02, hemm bosta ragunijiet ohra ghala, fl-ewwel lok, l-Awtorita` konvenuta ma ghandhiex tippermetti illi jitkompla illi jsir kwalunkwe zvilupp fis-sit in kwistjoni u fit-tieni lok, tipprocedi sabiex tirrevoka PA 5846/04 ai termini tal-artikolu 39A tal-Kap. 356.*

*Illi anke jekk wiehed kellu jqis illi l-permess PA 5846/04 jintitola lill-applikanta, il-konvenuta Marthese Said biex illum twettaq xogholijiet fis-sit in kwistjoni, l-applikanta qed tikser il-kundizzjonijiet tal-permess imsemmi illi skond l-istess permess ghandhom isiru skond il-kundizzjoni numru wiehed (1) ta` PA 6321/02 kif riprodotta mill-gdid f`PA 5846/04 illi tghid "The rehabilitation of the building shall follow the criteria and constraints set out in the Restoration Method Statement, PA 2835/2000/42, as approved in the outline application bearing same file reference".*

*Illi dan ir-"Restoration Method Statement" intbaghat mill-perit tal-applikanta, il-konvenuta Marthese Said fl-10 ta` Lulju 2002 u jistipula inter alia illi l-konvenuta Marthese Said kellha tipprocedi fl-izvilupp propost bil-mod li gej "Take down in very small sections at a time existing stonework and architectural elements and set aside for reinstatement." Illi l-applikanta, il-konvenuta Marthese Said jew min minnha njorat dak li pproponiet hi stess, hattet l-istruttura ezistenti bil-gaffa u nehhiet in parti l-gebel ta` tali struttura minn fuq il-post u in parti skartatu fuq il-post u haltitu ma` tafal u radam iehor kif ser jigi ppruvat fil-kors ta` din il-kawza. Qabel ma waqqghet ghal kollox il-bini li kien hemm fuq is-sit de quo, l-applikanta, il-konvenuta Marthese Said jew min minnha mpurtat gebel iehor u haznitu fuq is-sit bl-intenzjoni cara illi jintuza fir-rikostruzzjoni illi behsiebha twettaq.*

*Illi l-Awtorita` konvenuta hija fid-dmir illi tizgura illi l-applikanta ssegwi dan ir-"Restoration Method Statement" u fin-nuqqas, twaqqaf ix-xogholijiet imma minkejja illi l-applikanta ma segwietx il-metodu illi hija pproponiet hi stess fir-"Restoration Method Statement" sucitat, l-Awtorita` konvenuta halliet ix-xoghol ghaddej.*

*Illi inoltre l-pjanti approvati m`humiex kompleti u huma neqsin minn hafna dettalji importanti. Hekk, per ezempju, il-permessi li gew approvati mill-Awtorita` konvenuta ma jindikawx fejn ghandha ssir il-fossa illi dan il-post bilfors jehtieg u din ser tinbena 'il barra mill-"foot-print" approvat ta` l-izvilupp propost. Inoltre, irrizulta illi s-sit mhuwiex catt kif il-pjanti tal-applikanta urew imma hemm differenza sostanzjali fil-livelli. Fil-fatt, fuq talba tal-Kap tat-Taqsima tal-Infurzar tal-Awtorita` konvenuta, il-Konsulent Legali ta` l-istess Awtorita` konvenuta ddikjarat fil-15 ta` Gunju 2009 illi –*

*1. In relation to the gradient of the site, applicant is to submit an amended application to indicate the existing site levels in relation to the proposed development.*

*2. In relation to location and details of cistern, applicant is to submit an amended application to indicate this.*

*3. Pending this applicant is to be required to stop works and to include excavation in excess of approved drawings in the amended application.*

*Illi minkejja dan il-parir inekwivoku tal-Konsulent Legali taghha, l-Awtorita` konvenuta njorat ghal kollox tali parir, ma esigietx illi l-applikanta, il-konvenuta Marthese Said tissottometti applikazzjoni gdida sabiex tissana l-posizzjoni taghha imma ricentement ippermettiet lill-applikanta, il-konvenuta Marthese Said biex tkompli bix-xogholijiet fis-sit in kwistjoni. Illi fil-fatt il-fossa giet*

*approvata fil-kuntest ta` l-approvazzjoni ta` "Revised Method Statement" illi l-Awtorita` konvenuta approvat tramite d-Direttorat tal-Protezzjoni tal-Ambjent taghha fl-1 ta` Dicembru 2009. Illi dana minkejja illi zvilupp bhalma hu dak ta` fossa jirrikjedi l-approvazzjoni ta` applikazzjoni ghall-izvilupp ad hoc. Dana skond l-artiklu 30 u 32 tal-Kap. 356 u kif kien talab l-istess Konsulent Legali tal-Awtorita` konvenuta. Tali nuqqasijiet ma jistghux jigu sorvolati semplicement bl-approvazzjoni ta` l-imsemmi "Revised Method Statement", liema approvazzjoni fi kwalunkwe kaz, ma saritx mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta` l-Izvilupp illi kienet approvat ir-"Restoration Method Statement" originali kif ukoll PA 5846/04 imma mid-Direttorat tal-Protezzjoni tal-Ambjent.*

*Illi kaz lampanti iehor fejn l-Awtorita` konvenuta ma segwietx il-parir tal-Konsulent Legali taghha kien billi ma talbitx lill-applikanta, il-konvenuta Marthese Said tissottometti applikazzjoni gdida illi turi l-livelli korretti tas-sit ta` l-izvilupp propost u twaqqaf ix-xogholijiet sakemm tali approvazzjoni tinghata. Fil-fatt, ix-xogholijiet fuq is-sit in kwistjoni ghadhom ghaddejjin qisu m`hu xejn wara l-approvazzjoni ta` l-imsemmi "Revised Method Statement".*

*Illi tali misrappresentazzjoni da parti tal-applikanta, il-konvenuta Marthese Said fir-rigward tal-livelli fuq il-post ta` l-izvilupp propost jaghtu ukoll lok ghar-revoka tal-permess PA 5846/04 ai termini tal-artikolu 39A tal-Kap. 356 peress illi l-approvazzjoni ta` tali permess saret a bazi ta` pjanti zbaljati, jekk mhux addirittura intizi biex jaghtu stampa qarrieqa tas-sit in kwistjoni. Bhala rizultat, fuq is-sit sar skavar ta` ammont konsiderevoli ta` tafal, illi gie mormi f`post ta` radam mhux awtorizzat, liema skavar m`huwiex kopert mill-permessi approvati. Madankollu, l-Awtorita` konvenuta ddecidiet illi m`hemmx lok ghal tali revoka kif iddikjara l-President Ezekuttiv taghha, Austin Walker f`ittra tat-18 ta` Dicembru 2009.*

*Ighidu, ghaldaqstant, il-konvenuti ghala din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex –*

*1. Tiddikjara illi l-permess numru PA 5846/04 bl-ebda mod ma estenda l-validita` tal-permess numru PA 6321/02 li llum skada.*

*2. Tiddikjara illi ghaldaqstant, il-permess numru PA 5846/04 ma jintitolax lill-konvenuti Marthese Said u lill-Avukat Victor Scerri illi jwettqu zvilupp fis-sit mertu ta` l-applikazzjonijiet imsemmija wara illi l-validita` tal-permess numru PA 6321/02 skadiet fl-1 ta` Mejju 2008.*

*3. Tiddikjara illi r-"Revised Method Statement" approvat mill-Awtorita` konvenuta fl-1 ta` Dicembru 2009 ma jistax jissancixxi zvilupp fuq is-sit de quo li ma kienx l-oggett tal-permessi originali u ghaldaqstant dan ir-"Revised Method Statement" hu ghal kollox irritwali u konsegwentement, illegali.*

*4. Konsegwentement, tiddikjara illi x-xoghlijiet kollha illi twettqu mill-konvenuti Marthese Said u l-Avukat Victor Scerri fis-sit mertu ta` l-applikazzjonijiet imsemmija wara illi l-validita` tal-permess numru PA 6321/02 skadiet fl-1 ta` Mejju 2008 saru llegalment u minghajr il-permess mehtieg mil-ligi.*

*5. Konsegwentement, tordna lill-konvenuti Marthese Said u l-Avukat Victor Scerri jirripristinaw is-sit in kwistjoni fl-istat li kien fl-1 ta` Mejju 2008 u dana f`terminu prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti, u fin-nuqqas, tordna lill-Awtorita` konvenuta sabiex tibda proceduri ta` nfurzar fir-rigward ta` l-izvilupp in kwistjoni sabiex is-sit jigi ripristinat fl-istat li kien fl-1 ta` Mejju 2008.*

*6. Alternattivament, tiddikjara illi, ghar-ragunijiet premessi, jezistu ragunijiet sufficjenti sabiex l-Awtorita` konvenuta tirrevoka l-permess imsemmi PA 5846/04 ai termini ta` l-artikolu 39A tal-Kap. 356.*

*7. Ghaldaqstant, tikkundanna lill-Awtorita` konvenuta talli naqset milli tirrevoka l-imsemmi permess u taghti dawk il-provvedimenti u ordnijiet mehtiega sabiex l-Awtorita` konvenuta tiehu l-passi mehtiega sabiex, jekk ikun hemm il-htiega, tirrevoka l-permess imsemmi PA 5846/04.*

*Bis-subizzjoni li minn issa l-konvenuti jew ir-rapprezentanti taghhom qed jigu ngunti.*

*Bl-ispejjez inkluz dak tal-protest legali numru 42/2010.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta` attrici.

Rat ir-risposta guramentata ta` l-konvenuta Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar prezentata fl-<u>24 ta` Marzu 2010</u> li taqra hekk –

*1. Illi preliminarjament ir-rikorrenti ghandhom jippruvaw dak dikjarat minnhom u cioe` illi l-istess socjeta` hekk kif rappresentata mis-Sur Alex Vella hija hekk debitament awtorizzata li tipprocedi bil-proceduri odjerni.*

*2. Illi preliminarjament jigi eccepit illi din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex il-kompetenza fuq il-materja odjerna stante illi l-Kap.356 tal-Ligijiet ta` Malta huwa car fis-sens illi l-approvazzjoni jew rifjut ta` applikazzjonijiet ghall-permessi ta` l-izvilupp, l-applikazzjoni tal-provvedimenti ta` l-Artikoli 39A u 52 tal-Kap. 356, huma*

*responsabilita` esklussiva ta` l-Awtorita` esponenti, u stante illi hawn si tratta ta` diskrezzjoni amministrattiva, il-Qrati ordinarji ma jistghux jissostitwixxu d-diskrezzjoni taghhom ghal dik ta` l-entita` kompetenti.*

*3. Illi subordinatament ghas-suespost, preliminarjament ukoll jigi eccepit illi l-azzjoni attrici fil-konfront ta` l-Awtorita` intimata hija perenta u dan a tenur ta` l-artikolu 469A(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*4. Illi preliminarjament tigi eccepita n-nullita` ta` din l-azzjoni stante li ma taqax taht l-ebda wiehed mill-aggravji tal-Art. 469A tal-Kap. 12.*

*5. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti, in kwantu diretti kontra l-Awtorita` esponenti, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, stante li dina l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex gurizdizzjoni sabiex tisma` din il-kawza u dan a tenur tas-subartikolu (4) ta` l-artikolu 469A tal-Kap.12 u ghalhekk ghandha tiddeklina li tiehu konjizzjoni taghha.*

*6. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma ugwalment infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, stante li dak allegat mir-rikorrenti a rigward tat-terminu ta` validita` o meno ta` permess u l-hrug konsegwenzjali ta` Avviz sabiex Tieqaf u ta` Twettieq kif ukoll ghall-applikazzjoni tal-provvedimenti ta` l-Artikolu 39A tal-Kap.356, ma hijiex proceduri adottabbli quddiem il-Qrati tal-Gustizzja.*

*7. Illi ukoll fil-mertu l-Awtorita` esponenti qdiet l-obbligi taghha skond il-parametri legali u in piena ottemperanza mal-permessi approvati minnha.*

*8. Illi ghaldaqstant, u in vista tal-premess, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-Awtorita` konvenuta.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Marthese Said u Avukat Victor Scerri prezentata fit-<u>30 ta` Marzu 2010</u> li taqra hekk –

*1. Illi preliminarjament in-nullita` tal-proceduri ghaliex skond l-istatut tas-socjeta` rikorrenti [Dokument VS-1] l-istess socjeta` m`ghandhiex il-jedd jew poter li tippromwovi azzjonijiet gudizzjarji imma biss [fil-parti Aims & Objectives] "<u>to make representations</u> [emfazi mizjuda] to competent authorities and institutions in order to ensure law enforcement with regard to citizens` right in accordance with the Environment Commission of the European Union", u ghalhekk il-proceduri odjerni huma ultra vires l-istess socjeta`.*

*2. Illi preliminarjament ukoll, it-talbiet kif imposti ghandhom jigu michuda stante illi s-socjeta` rikorrenti m`ghandhiex l-interess guridiku mehtieg biex tintavola dawn il-proceduri.*

*3. Illi preliminarjament ukoll jigi eccepit illi kif it-talbiet gew imposti dina l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex il-kompetenza fuq il-mertu stante illi l-Kap.356 tal-Ligijiet ta` Malta huwa car fis-sens illi l-approvazzjoni jew rifjut ta` applikazzjonijiet ghall-permessi ta` l-izvilupp, u l-applikazzjoni tal-provvedimenti ta` l-Artikoli 39A u 52 tal-Kap. 356, huma responsabilita` esklussiva ta` l-Awtorita`*

*intimata, u stante illi hawn si tratta ta` diskrezzjoni amministrattiva, il-Qrati ordinarji ma jistghux jissostitwixxu d-diskrezzjoni taghhom ghal dik ta` l-entita` kompetenti.*

*4. Illi preliminarjament ghalkemm l-azzjoni hija mad-daqqa t`ghajn mista fis-sens li qed jintalbu li jittiehdu azzjonijiet kontra l-eccipjenti bhala cittadini / permit holders xorta jibqa` l-fatt li l-azzjoni hija wahda ta` revizjoni ta` ghemil amministrattiv u b`hekk tigi eccepita n-nullita` ta` din l-azzjoni stante li ma taqax taht l-ebda wiehed mill-aggravji tal-Art. 469A tal-Kap. 12.*

*5. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, stante li dina l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tisma` din il-kawza u dan a tenur tas-subartikolu (4) ta` l-artikolu 469A tal-Kap. 12 hi ghandha bl-akbar rispett tiddeklina li tiehu konjizzjoni taghha u ghalhekk ghandha tichad it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-eccipjenti ukoll.*

*6. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit it-talbiet numru wiehed (1) sa numru hamsa (5) tar-rikorrenti huma ugwalment infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante kwalunkwe zvilupp li sar mill-esponenti sar fil-parametri tal-ligijiet tal-ippjanar skond permessi validi li nhargu wara applikazzjonijiet pubblici li gew processati skond il-ligijiet vigenti fiz-zmien tal-ipprocessar.*

*7. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit, it-talbiet tar-rikorrenti huma ugwalment infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, stante li dak allegat mir-rikorrenti a rigward tat-terminu ta` validita` o meno ta` permess u l-hrug konsegwenzjali ta` Avviz sabiex Tieqaf u ta` Twettieq kif ukoll ghall-applikazzjoni tal-provvedimenti ta` l-Artikolu 39A tal-Kap. 356, ma hijiex proceduri adottabbli quddiem il-Qrati tal-Gustizzja.*

*8. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti Marthese Said u Avukat Victor Scerri u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-risposta guramentata taghhom.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-27 ta` April 2010.

Rat li f`dik l-udjenza, il-partijiet qablu li din il-Qorti ghandha tisma` provi dwar (u wara tiddeciedi) l-ewwel tliet eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti Marthese Said u Dr. Victor Scerri.

Rat id-dokument li kien esebit mis-socjeta` attrici fl-istess udjenza.

Semghet ix-xiehda ta` Alex Vella fl-udjenzi tas-27 ta` April 2010, tas-17 ta` Mejju 2010 (fejn ix-xhud ressaq ukoll xi dokumenti) u tat-22 ta` Novembru 2010.

Rat in-nota b`dokument prezentat mis-socjeta` attrici fil-31 ta` Mejju 2010.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-1 ta` Frar 2011 fejn kien dikjarat maghluq l-istadju tal-gbir tal-provi dwar it-tliet eccezzjonijiet preliminari tal-intimati Marthese Said u Dr. Victor Scerri.

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet tal-konvenuti Marthese Said u Dr. Victor Scerri li kienet prezentata fl-udjenza tal-21 ta` Marzu 2011.

Rat in-nota responsiva tas-socjeta` attrici li kienet prezentata fid-9 ta` Gunju 2011.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tas-7 ta` Lulju 2011 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza,, b`dan illi tat lill-Awtorita` konvenuta zmien xahar mid-data tad-digriet sabiex tipprezenta nota ta` sottomissjonijiet, fil-fakolta` li l-partijiet l-ohra fil-kawza jwiegbu bil-miktub fi zmien xahar minn meta d-difensuri taghhom jircievu kopja tan-nota ta` sottomissjonijiet tal-Awtorita` konvenuta.

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet tal-Awtorita` konvenuta li kienet prezentata fl-20 ta` Lulju 2011.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>L-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti</u> <u>Said u Scerri</u>**

It-tliet eccezzjonijiet in kwistjoni jaqraw hekk –

*1. Illi preliminarjament in-nullita` tal-proceduri ghaliex skond l-istatut tas-socjeta` rikorrenti [Dokument VS-1] l-istess socjeta` m`ghandhiex il-jedd jew poter li tippromwovi azzjonijiet gudizzjarji imma biss [fil-parti Aims & Objectives] "<u>to make representations</u> [emfazi mizjuda] to competent authorities and institutions in order to ensure law enforcement with regard to citizens` right in accordance with the Environment Commission of the European Union", u ghalhekk il-proceduri odjerni huma ultra vires l-istess socjeta`.*

*2. Illi preliminarjament ukoll, it-talbiet kif imposti ghandhom jigu michuda stante illi s-socjeta` rikorrenti*

*m`ghandhiex l-interess guridiku mehtieg biex tintavola dawn il-proceduri.*

*3. Illi preliminarjament ukoll jigi eccepit illi kif it-talbiet gew imposti dina l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex il-kompetenza fuq il-mertu stante illi l-Kap. 356 tal-Ligijiet ta` Malta huwa car fis-sens illi l-approvazzjoni jew rifjut ta` applikazzjonijiet ghall-permessi ta` l-izvilupp, u l-applikazzjoni tal-provvedimenti ta` l-Artikoli 39A u 52 tal-Kap. 356, huma responsabilita` esklussiva ta` l-Awtorita` intimata, u stante illi hawn si tratta ta` diskrezzjoni amministrattiva, il-Qrati ordinarji ma jistghux jissostitwixxu d-diskrezzjoni taghhom ghal dik ta` l-entita` kompetenti.*

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Dwar l-ewwel eccezzjoni</u>**

Fl-udjenza tas-27 ta` April 2010, is-socjeta` attrici esebiet l-istatut taghha kif kien approvat fil-laqgha generali annwali taghha li saret fis-6 ta` Frar 2010 (fol 23 u fol 24). Id-dokument kien konfermat bil-gurament minn Alex Vella, President tas-socjeta` attrici, meta xehed fl-istess udjenza.

L-*aims and objectives* tas-socjeta` attrici huma sebgha u huma elenkati fil-klawsola 3 tal-istatut. Is-sitt *aim and objective* huwa *to make representations to competent authorities and institutions in order to ensure law enforcement with regards to citizens` rights in accordance with the Environment Commission of the European Union.*

Il-klawsola 5 tittratta r-*representation* tas-socjeta` u taqra hekk –

*The President of the Association, or if so delegated by him the Secretary, shall act as Administrator for the intents and purposes of the Voluntary Organisations Act. The Administrator shall be vested with the legal and judicial representation of the Association. However the committee may appoint any other one of its members to act in lieu of the two officers indicated.*

Dwar l-izvilupp mertu ta` din il-kawza, Alex Vella xehed illi fi Frar 2009 l-ghaqda ghamlet ilment mal-Awtorita` konvenuta wara li sabet illi fil-Wied tal-Marga kien qieghed isir xoghol *bl-addocc* (kliem ix-xhud) minghajr sorveljanza u b`makkinarju goff go sit protett li kien *earmarked* bhala sit ta` Natura 2000.

Kienu esebiti l-minuti tas-seduta tal-kumitat tas-socjeta` attrici (Dok RAM2 a fol 34 et seq) tal-5 ta` Jannar 2010 fejn dwar il-kwistjoni mertu ta` din il-kawza jinghad hekk –

*A protest will be lodged with the works that resumed on the Bahrija site soon, and will be followed up with all legal measures obtainable against Mepa and the developers to stop all irregularities with respect to this development, and to repristinate the site to its former condition as required by law.*

Fid-data ta` din il-laqgha kien ghadu vigenti l-istatut tal-ghaqda attrici li kien approvat fil-laqgha generali annwali tad-29 ta` Ottubru 2005 (esebit bhala Dok X a fol 53 et seq).

Fl-affidavit tieghu, Joseph Agius, Segretarju tal-ghaqda attrici, xehed hekk *inter alia* –

*Meta fi Frar 2009 indunajna illi hemm kien qed isir zvilupp, mal-ewwel ghamilna rapprezentazzjonijiet mal-Mepa u anke tlabna l-intervent tal-Prim Ministru.*

*Ghamilna wkoll kampanja pubblika kontra dan l-isfregju. Meta izda rajna li l-isforzi taghna sabiex jieqaf dan l-izvilupp ma kienu qed jaghtu l-ebda frott, iddecidejna li ma kien baqaghlna l-ebda triq quddiemna hlief li nifthu kawza kontrih. Din id-decizjoni ttiehdet mill-kumitat wara li qisna b`responsabilita` l-htiega li nadottaw posizzjoni soda dwar dan l-izvilupp li fil-fehma taghna, u mhux taghna biss, qatt ma kellu jsehh.*

Fl-istess sens xehed fl-affidavit tieghu Romano Cassar, Vici-President tal-ghaqda attrici.

Fin-nota ta` osservazzjonijiet taghhom, il-konvenuti Said u Scerri fissru b`mod aktar car u preciz l-ewwel eccezzjoni taghhom.

Huma jsostnu li ebda wiehed mill-*purpose* jew *aims and objectives* tas-socjeta` attrici ma jaghtiha l-poter li tiftah proceduri fil-Qorti. L-assocjazzjoni tista` taghmel biss *representations* mal-awtoritajiet kompetenti.

Il-konvenuti Said u Scerri jaghmlu riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-17 ta` Marzu 1958 fiul-kawza **"<u>Borg Olivier et noe vs Farrugia et noe</u>".**

Din il-Qorti tibda minn din tal-ahhar.

Il-fatti tal-kawza li wasslu ghas-sentenza citata mill-imsemmija konvenuti huma fis-sustanza tad-dritt differenti ghal kollox minn dawk tal-kawza tal-lum. Id-differenza l-aktar markata u radikali bejn iz-zewg sitwazzjonijiet hija illi filwaqt li f`dik il-kawza il-kwistjoni kienet ir-regolamentazzjoni <u>interna</u> bejn il-Malta Football Association u l-membri assocjati taghha, fil-kawza tal-lum il-kwistjoni hija safejn tista` s-socjeta` attrici thares l-

*purpose* jew *aims and objectives* taghha fil-konfront ta` terzi li huma <u>barra</u> mill-assocjazzjoni.

Aktar mill-estratt tas-sentenza citat mill-konvenuti, din il-Qorti hija tal-fehma li hemm bran iehor tas-sentenza **"<u>Borg Olivier et noe vs Farrugia et noe</u>"** li fil-fehma taghha huwa rilevanza ghall-kawza tal-lum. Il-bran in kwistjoni jaqra hekk –

… *ir-regolamenti ta` kwalunkwe assocjazzjoni … iridu jigu, ghall-ahjar ermenewtika taghhom, kunsidrati fil-kumpless taghhom u fl-isfond tar-raguni tal-formazzjoni tal-istess assocjazzjoni. Infatti l-konkordanza tal-istess regolamenti, skond il-ligi naturali u guridika, issahhah ir-raguni tal-ligi formulata ghall-esistenza tal-assocjazzjoni u l-iskop li ghalih hija tkun giet furmata.*

Dan il-bran huwa rilevanti ghaliex il-konvenuti ma jistghux jiccensuraw lill-assocjazzjoni attrici ghaliex ipprezentat din il-kawza meta kienet tal-fehma, tajjeb jew hazin, illi r-rapprezentazzjonijiet taghha mal-awtoritajiet kompetenti dwar il-kwistjoni fil-mertu ma nghatawx il-konsiderazzjoni li l-assocjazzjoni kienet qeghda tippretendi.

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-assocjazzjoni attrici ma ghamlet xejn *ultra vires* meta pprezentat din il-kawza sabiex twettaq propju l-*purpose* jew *aims and objectives* taghha fosthom *to develop and protect the natural beauty and the cultaural heritage of the Maltese Islands.*

Ma jistax jigi pretiz mill-assocjazzjoni attrici illi sabiex tkun in regola, kif qed jimplikaw il-konvenuti, kellha temenda l-istatut taghha sabiex tidhol klawsola specifika illi tghid illi min jirrapprezentaha jkollu s-setgha li jistitwixxi proceduri gudizzjarji.

Din il-Qorti tghid illi dment illi l-assocjazzjoni attrici bil-kawza tal-lum riedet tittutela l-*aims and objectives* taghha fil-kumpless taghhom, u hekk kien il-kaz, dan setghet taghmlu bla ma titqies *ultra vires*.

**<u>Ghalhekk din il-Qorti qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuti Said u Scerri</u>**.

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>Dwar it-tieni eccezzjoni</u>**

Il-konvenuti jeccepixxu l-karenza ta` interess guridiku fl-istanza attrici.

Fin-nota ta` osservazzjonijiet taghhom, il-konvenuti Said u Scerri ghamlu rassenja ta` gurisprudenza dwar l-interess guridiku li, minghajr dubju, hija kondivisibbli b`mod generali.

Propju ghalhekk din il-Qorti mhijiex sejra taghmel riferenza ghal dik il-gurisprudenza ghall-fini tal-provvediment tal-lum jew ghal gurisprudenza ohra li timxi fuq l-istess binarji jew simili.

Li sejra taghmel din il-Qorti huwa biss illi tikkoncentra fuq il-bazi tal-interess u cioe` t-tliet elementi li jridu jissussistu **<u>kollha</u>** kemm huma sabiex jista` jinghad li hemm l-interess li trid il-ligi.

Min jipproponi kawza, irid ikollu interess - (a) **<u>guridiku</u> :** fis-sens illi d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta’ l-ezistenza ta’ dritt u l-vjolazzjoni tieghu ; (b) **<u>dirett u personali</u>** : ikun dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-

konsegwenzi taghha, u jkun personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, hlief ghall-azzjoni popolari (li mhix il-kaz tal-lum) ; u (c) **attwali** fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta’ vjolazzjoni ta’ dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f’kondizzjoni posittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta’ dirett legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur.’ (**Muscat vs Buttigieg -**Vol. LXXIV.II.481).

Din il-Qorti qieset b`reqqa l-provi tal-ghaqda attrici ; in partikolari ssoffermat fuq ix-xiehda ta` Alex Vella u l-istatut tal-ghaqda – kemm dak li kien vigenti fl-2005 u kemm dak attwali u tistqarr illi ma tistax issib fejn l-ghaqda attrici tista` tghid li ghandha l-interess rikjest mil-ligi sabiex tistitwixxi l-istanza taghha **kif dedotta**.

Huwa evidenti mix-xiehda ta` Alex Vella illi l-assocjazzjoni attrici bdiet taghmel ir-rapprezentazzjonijiet taghha mal-MEPA u wara istitwiet din il-kawza meta fil-kors tal-attivitajiet taghha, sabet illi, fil-fehma taghha, ix-xogholijiet li kienu qeghdin isiru mill-konvenuti Said u Scerri kienu in vjolazzjoni tal-permessi citati approvati. Alex Vella minghajr l-icken esitazzjoni jirrikonoxxi li f`ebda wahda mill-proceduri quddiem il-MEPA li wassal ghall-permessi ma` l-assocjazzjoni attrici kienet *a registered objector.*

Fil-fehma ta` din il-Qorti, dak premess fil-paragrafu ta` qabel dan ma jinvestix lill-ghaqda attrici bl-interess li trid il-ligi sabiex tistitwixxi il-kawza tal-lum.

Mill-istatut tal-assocjazzjoni attrici, irrizulta lil din il-Qorti mhux biss in-natura tal-ghaqda u cioe` *apolitical, voluntary, non-governmental organisation* izda l-iskopijiet li ghalihom twaqqfet. Dawk l-*aims and objectives*, anke jekk fejjieda b`mod generali fl-iskop taghhom, ma jistghux jistqiesu bhala *jedd* ghall-fini tar-rekwizit tal-interess. Sabiex setghet l-assocjazzjoni attrici tipprocedi bil-kawza

tal-lum, kellha bhala pre-rekwizit tipprova illi hija kienet qeghda tagixxi sabiex tilqa` kontra ksur ta` *jedd* taghha.

Analizi wiehed wiehed tal-*aims and objectives* tal-ghaqda twassal finalment sabiex tkun identifikata r-*ragion d`essere* tal-ghaqda pero` hija l-fehma ta` din il-Qorti dik il-gemgha ta` objettivi, lodevoli kemm trid, ma jikkostitwux *jedd* anke fil-kuntest tal-mod kif svolgew il-fatti tal-kaz tal-lum.

Skond is-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta (**<u>PA/JRM</u>**) tat-12 ta` Dicembru 2001 fil-kawza "**<u>Attard et noe vs Abela noe et</u>**", *il-ksur ta` jedd … ikun jikkonsisti f`kondizzjoni posittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ggib fix-xejn dritt li jappartjeni lid-detentur jew li lilu jkun mistoqq.*

Fl-istess sentenza jkompli jinghad hekk –

*Illi l-interess guridiku f`attur huwa dak li l-imharrek jirrifjuta li jaghraf il-jedd tal-istess attur u li, fih innifsu, johloq il-htiega tal-vertenza. Ghalhekk dan igib mieghu il-konsegwenza li l-ewwel u l-aqwa interess guridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna ghandha, jigifieri li titlob li, fil-konfront taghha, isir haqq jew li tigi msewwija ingustizzja maghmula fil-konfront taghha (App. Kumm. 2.4.1983 fil-kawza fl-ismijiet "Farrugia et vs Buhagiar" [Kollez. Vol. LXXVII.II.98)*

Il-Qorti f`dan l-istadju taghmel riferenza ghan-nota ta` osservazzjonijiet tal-ghaqda attrici senjatament fejn a fol 102 inghad hekk *galadarba l-legislatur innifsu f`materja ta` harsien tal-ambjent u ppjanar tal-izvilupp sgancja espressament id-dritt ta` azzjoni mill-interess guridiku kif tradizzjonalment ikkoncepit mid-dottrina, bla dubbju dan il-koncett ta` dritt diffuz, u mhux dritt personali, ghandu japplika wkoll ghal meta persuna tirrikorri l-Qorti sabiex jitlobha tistharreg l-ghemil amministrattiv tal-Awtorita` ta`*

*Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar kif qed isir fil-kaz de quo.* Tirreferi wkoll ghall-argumenti li gabet l-istess socjeta` attrici fondati fuq il-Konvenjoni ta` Aarhus.

Il-fehma tal-ghaqda attrici mhijiex kondivisa minn din il-Qorti.

Azzjoni bhal dik tal-ghaqda attrici mhijiex *sui generis.* Bl-eccezzjoni tal-*actio popolaris*, ir-rekwizit tal-interess huwa l-kejl ta` **kull** azzjoni minghajr distinzjoni. Sahansitra f`kawzi ta` indole kostituzzjonali jew konvenzjonali, l-interess huwa l-qofol tal-azzjoni.

Fin-nota ta` osservazzjonijiet tal-ghaqda attrici, saret riferenza dettaljata ghall-Konvenzjoni ta` Aarhus, iccitat dottrina, irreferiet ghad-Dikjarazzjoni ta` Stockholm u ta` Rio, u ghall-ordinament guridiku Brittaniku u Franciz. Saret pero` riferenza wkoll ghall-Avviz Legali 74 tal-2006 u cioe` r-*Regolamenti tal-2006 dwar il-Partecipazzjoni Pubblika fi Pjanijiet u Programmi* li permezz taghhom kienu mplimentati d-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u d-Direttivi tal-Kunsill tal-Ministri tal-UE 85/337/KEE u 96/61/KE.

Din il-Qorti qieset b`reqqa dawn ir-regolamenti u tghid illi ghalkemm l-ghaqda attrici tikkwalifika bhala *il-pubbliku* ghall-fini ta`dak l-Avviz Legali, id-disposizzjonijiet ta` dak l-Avviz Legali li huwa intiz sabiex *l-Awtorita` Maltija dwar l-Ambjent u Ippjanar tizgura li l-pubbliku jinghata opportunitajiet bikrija u effettivi biex jippartecipa fil-preparazzjoni u l-modifika tal-pjanijiet jew il-programmi li jinhtieg taht id-disposizzjonijiet elenkati fl-iskeda li tinsab ma` dawn ir-regolamenti* ma ghandhomx x`jaqsmu mal-mertu tal-kawza tal-lum. Fir-Reg.4(1) jissemma *jedd* tal-pubbliku illi jippartecipa ghall-fini tal-iskop imsemmi. Pero` l-kaz tal-lum huwa divers ghal kollox, apparti li ebda wiehed mid-disposizzjonijiet tal-iskeda ma japplika ghall-kaz tal-lum.

Ghalhekk din il-Qorti tghid li ghall-kaz tal-lum m`ghandux ikun hemm regoli specjali jew deroga mill-*interess guridiku kif tradizzjonalment ikkoncepit mid-dottrina* (biex din il-Qort ticcita minn dak rilevat mill-ghaqda attrici). Din il-Qorti qieset b`reqqa r-riferenzi li ghamlet l-ghaqda attrici u tghid li ma sabet l-ebda fondament fil-pretensjoni attrici li fil-kaz ta` azzjoni bhal dik tentata minnha, ir-rekwizit tal-interess ghandu jiehu xejra aktar liberali u riflessiv lejn l-esigenzi ta` harsien li l-azzjoni stess hija intiza sabiex tasal ghalih.

Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi nonostante l-kostituzzjoni tal-assocjazzjoni attrici, nonostante li hija ghaqda volontarja kostitwita skond il-ligi, is-socjeta` attrici m`ghandhiex il-jedd, u allura l-interess rikjest mil-ligi applikabbli ghal kulhadd l-istess, li tipprocedi bl-istanza taghha fuq il-premessi u ghall-fini tat-talbiet kif dedotti fil-kawza tal-lum.

**<u>Ghalhekk din il-Qorti qeghda tilqa` t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Said u Scerri.</u>**

**Ikkunsidrat :**

**V. <u>Dwar it-tielet eccezzjoni</u>**

**Eccezzjoni ta` l-istess xorta jew xebh bhal din it-tielet eccezzjoni preliminari kienet trattata u deciza mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tas-27 ta` Novembru 2009 fil-kawza "<u>Farrugia et vs l-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et</u>" fejn il-Qorti tal-Appell ikkonferma sentenza li kienet tat din il-Qorti <u>kif presjeduta</u> fit-2 ta` Lulju 2009.**

Is-sentenza **"Farrugia et vs l-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et"** kienet citata *in extenso* fin-nota ta` osservazzjonijiet tal-konvenuti Said u Scerri.

A skans ta` repetizzjoni, din il-Qorti taghmel riferenza ghal dik is-sentenza, u ghall-gurisprudenza hemm citata, u tghid li dak deciz f`dik il-kawza jghodd ghall-kawza tal-lum.

Din il-Qorti tghid illi fin-nota ta` osservazzjonijiet taghha, l-ghaqda attrici ma tindirizzax b`mod preciz u adegwat l-insenjamenti li hargu mis-sentenza **"Farrugia et vs l-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et"** u ghalkemm tghid taghha dwar il-poteri tal-MEPA, ma tasalx biex tghid li dak deciz mill-Qorti tal-Appell mhuwiex applikabbli ghall-fatti tal-kaz tal-lum.

**Ghalhekk din il-Qorti qeghda tilqa` t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti Said u Scerri.**

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi hekk –**

**Tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuti Marthese Said u Avukat Dottor Victor Scerri, bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti Marthese Said u Avukat Dottor Victor Scerri.**

**Tilqa` t-tieni eccezzjoni tal-istess konvenuti Marthese Said u Avukat Dottor Victor Scerri u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.**

**Tilqa` t-tielet eccezzjoni tal-istess konvenuti Marthese Said u Avukat Dottor Victor Scerri u tiddikjara li m`ghandhiex il- kompetenza illi tisma' u tiddeciedi l-mertu tat-talbiet attrici, u qeghda ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------